MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2008

Numru 14/2008

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 14 tas-sena 2008 kontra l-akkuzat Emad A.M. Alghrari, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap li fl-ahhar granet qabel l-20 ta’ Marzu, 2005, u fl-istess gurnata Emad A.M. Alghrari iltaqa’ ma certu Salem, Tripoli, li stiednu li jdahhal Malta kwantita’ kbira tad-droga eroina biex tigi hawn traffikata. Hu ftehem mal-istess Salem li kellu jgorr l-istess droga mohbija fil-qiegh tal-bagalja tieghu w jigi Malta. Illi ta’ dan kellu jigi kumpensat. Illi infatti, fl-ghoxrin (20) ta’ Marzu, 2005 in esekuzzjoni tal-istess ftehim Emad A.M. Alghrari wasal Malta fuq titjira KM 697 minn Tripoli w instab fil-pussess illegali ta’ 2238.7 grammi eroina li hu kellu jikkonsinja lil traffikanti tad-droga f’Malta biex tigi hawn traffika skond l-istess ftehim. Illi fortunatament hu nqabad l-ajruport.

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Emad A.M. Alghrari sar hati talli assocja ruhu ma’ persuni ohra f’Malta w

ma’ persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Emad A.M. Alghrari hati talli assocja ruhu ma’ persuni ohra f’Malta w ma’ persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f’Malta bi ksur tad- disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomru w multa ta’ mhux inqas minn elfejn u tlett mija w disa’ w ghoxrin Euro w seba’ w tletin centezmi (2,329.37) izda mhux aktar minn mija w sittax-il elf, erba’ mija w tmienja w sittin Euro w seba’ w sittin centezmi (116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli w immobli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

2) Wara li fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li fiz-zmien u cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w b’mod partikolari fl-20 ta’ Marzu, 2005, Emad A.M. Alghrari llegalment dahhal Malta aktar minn zewg kilogrammi eroina. Illi fortunatament hu nqabad l-ajruport ta’ Malta qabel l-istess droga setghet tigi traffikata.

Illi ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l- Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li

tawtorizza l-importazzjoni tad- droga perikoluza msemmija.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Emad A.M. Alghrari sar hati talli mporta, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Emad A.M. Alghrari, hati talli mporta, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Talab sabiex jitmexxa l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elfejn u tlett mija w disa' w ghoxrin Euro w seba' w tletin centezmi (2,329.37) izda mhux aktar minn mija w sittax-il elf, erba' mija w tmienja w sittin Euro w seba' w sittin centezmi (116,468.67) u l- konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l- konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl- artikoli 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17(b), 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

3) Wara li fit-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li fiz-zmien u cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w b'mod partikolari fl-20 ta' Marzu, 2005, Emad A.M. Alghrari llegalment dahhal Malta

aktar minn zewg kilogrammi eroina. Illi fortunatament hu nqabad l-ajruport ta' Malta qabel l-istess droga setghet tigi traffikata. Illi infatti l-ammont ta' droga kien aktar minn zewg kilogrammi li juri bic-car li l-istess droga ma kienitx ghal uzu esklussiv tal-akkuzat oltre l-fatt li l-istess akkuzat iddikjara li ma juzax droga.

Illi d-droga herojina hija droga specifikata fl-Ewwel Taqsima tal- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-imsemmi akkuzat ma kellux awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahrug mit-Tabib Principali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal- Ordinanza msemmija w ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id- droga. Anqas kien b'xi mod iehor bil- licenzja mill- President ta' Malta w anqas kien awtorizzat mill- President ta' Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tieghu. Anqas giet id- droga msemmija fornita lill-istess akkuzat ghall-uzu tieghu skond xi ricetta kif provdut fir- regolamenti.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Emad A.M. Alghrari sar hati talli kellu fil- pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal- Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat- Taqsima VI tal- Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir- regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall- uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Emad A.M. Alghrari, hati talli kellu fil-pussess tieghu d- droga herojina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal- Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill- President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall- Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall- uzu esklussiv tieghu.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elfejn u tlett mija w disa' w ghoxrin Euro w seba' w tletin centezmi (2,329.37) izda mhux aktar minn mija w sittax-il elf erba' mija w tmienja w sittin Euro w seba' w sittin centezmi (116,468.67) u l- konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l- konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobli ohra tal- persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl- artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar- Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(h), 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l- akkuzat, inkluz li l-akkuzat jigi ddikjarat bhala immigrant ipprojbit u li jinhareg ordni ta' tnehhija kontra tieghu skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat illi waqt is-seduta tal-lum stess, l-akkuzat mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza , wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta , l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li hu kien hati ;

Tiddikjara ghalhekk lill-Emad A.M. Alghrari hati talli,

1. qabel l-20 ta' Marzu, 2005, u fl-istess gurnata assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jittraffika medicina w droga eroina f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

2. fl-20 ta' Marzu, 2005, mporta, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

3. fl-20 ta' Marzu, 2005, kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini

Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, w dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Semghet ix-xiehda tal-hati nnifsu dwar il-piena ;

Qieset is-sottomissjonijiet tad-difiza w tal-prosekuzzjoni dwar il-piena li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti.

Dr. J. Mifsud, ghall-hati, ssottometta li l-akkuzat ammetta mill-ewwel il-htija tieghu w ghin lill-Pulizija w anki kien lest li jikkonferma bil-gurament fl-udjenza tal-lum kif u minn fejn hu akkwista d-droga w ghal min din kienet destinata f'Malta. Ili inoltre bhala rizultat ta' *"family visit"* li l-hati kellu ma' martu fil-habs ta' Kordin, din harget tqila, izda, meta wara siefret u marret l-Ingilterra, waqghet u mietet u b'hekk hu tilef lill-martu w lit-tarbija naxxitura.

Dr. Anthony Barbara invece ssottometta li wara li qies ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, inkluza d-deposizzjoni tal-akkuzat fl-udjenza tal-lum, ihoss li ghandha tinghata piena ta' mhux inqas minn hdax il-sena prigunerija.

Qieset ukoll li skond il-proviso tal-artikolu 22 (2) (aa) meta l-Qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, l-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira w cioe' ta' mhux inqas minn elfejn, tlett mija w disgha w ghoxrin Euro w mhux izjed minn mija w sittax-il elf erba' mija w tmienja w sittin Euro w seba' w sittin centezmi.

Qieset favur il-hati, l-fatt li hu rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-process u qabel ma giet iffurmata l-gurija.

Qieset il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b’hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi”, Qorti Kriminali , [24.2.1997] ; “Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa”, Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002] u BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.).

Qieset ukoll favur il-hati l-eta’ w l-kondotta incensurata tieghu kif ukoll iz-zmien li hu lahaq ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi ; kif ukoll il-fatt li fil-kors tad-depozizzjoni tieghu guramentata moghtija quddiem din il-Qorti hu ta taghrif li jista jwassal biex jittiehdu proceduri kemm kontra min issuplieh bid-droga kif ukoll kontra d-destinatarju f’ Malta ;

Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel u fit-Tieni Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bhala mezz ghall-fini biex seta’ jigi kommess ir-reat dedott taht it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza u ghalhekk ghall-fini tal-konkors tal-piena ghandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ; (Ara “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mansour Muftah Nagem “ (31.10.2002) ;

Mill-banda l-ohra qieset kontra l-hati li dana kollu ghamlu ghall-qliegh ta’ flus u li kieku rrnexxa l-progett tieghu, kienu jintefghu fis-suq Malti 2238.7 gramma eroina ta’ purita’ ta’ 34%, li kienet tkompli zzid mal-herba li d-droga qed tahsad fil-pajjiz, u dana b’abbuz tal-ospitalita’ li l-gens Malti tah bhala barrani li kien qed izur dawn il-Gzejjer , u li reati ta’ din ix-xorta qed jimpestaw minn barra lis-socjeta’ Maltija li ghandha kull dritt li tiddefendi ruha kontra dan l-assalt minn negozjanti tad-droga kemm lokali w kif ukoll barranin u ghalhekk irid ikun hemm pieni li jservu ta’ deterrent generali ;

Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f'kazijiet analogi recentement biex ikun jista' jinzamm certu proporzjon u relativita' fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita' tar-reat in kwantu l-kwantita' u purita' tad-droga mportata, u meta jkun hemm ammissjoni bikrija, w dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita' f'sentenzi li jirrigwardaw din il-marterja;

Rat l-artikoli 9, 10, 10(1) 12, 14, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(aa),(3A)(c)(d), 22(f), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101), ir-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939), l-artikoli 17(h), 20, 23, 31 u 533 tal-Kap.9 u l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Tikkundanna lill-hati Emad A.M. Alghrari ghall-piena ta' hdax (11) –il sena prigunerija, b'dana li minn dan il-periodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll li jhallas multa ta' hamsa w ghoxrin elf Euro (€ 25,000) u jekk din ma tithallasx minnufieh tigi awtomatikament konvertita fi tmintax (18) il-xahar prigunerija ohra skond il-ligi , kif ukoll li jhallas is-somma ta' seba' mija w disgha w tletin Euro w disgha w sittin centezmi (€739.69), import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u , fil-waqt li tiddikjara lill-hati Emad A.M. Alghrari bhala immigrant ipprojbit , tordna li jinhareg ordni ta' tnehhija tieghu minn dawn il-Gzejjer skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ordni ghandu jigi esegwit appena w biss wara li jiskonta l-piena tieghu skond din is-sentenza.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati ;

Tordna ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga a kura tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm fi zmien hmistax il-jum mil-lum l-Avukat Generali b'Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li

ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohra kontra terzi w b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b'verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta,

Fl-ahhar nett tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------